# ID-DAWL

AWWISSU 2018 NUMRU 8

## "Bla dubju l-aqwa provvista hija l-onestà."



Unità u Fratellanza | Il-Ħaġġ | Eid-ul-Ażħa | Id-Doveri Tagħna

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# UNITÀ U FRATELLANZA

Kull sena, miljuni ta' Musulmani jivvjaġġaw lejn Mekka biex iwettqu l-Ħaġġ — il-pellegrinaġġ lejn Mekka.

Apparti mill-ġid spiritwali li l-pellegrinaġġ jagħmel lill-Musulman, għandu sinifikat soċjali u politiku kbir. Huwa pjattaforma unika fejn jiġu esplorati l-ideat u programmi internazzjonali u hu manifestazzjoni eċċellenti ta' rabta, għaqda u fratellanza.

Musulmani mill-partijiet kollha tad-dinja li jiltaqgħu f'Mekka darba fis-sena jistgħu jaqsmu fehmiet dwar kull xorta ta' kwistjonijiet ta' importanza internazzjonali, iġeddu l-ħbiberija u jistabbilixxu kuntatti ġodda. Huma għandhom opportunitajiet biex jiffamiljarizzaw ruħhom mal-problemi li jħabbtu wiċċhom magħhom ħuthom fil-fidi f'pajjiżi oħra, biex jibnu fuq prassi tajbin u jibbenefikaw mill-esperjenza waqt li wkoll jikkooperaw ma' xulxin f'ħafna modi oħra u f'oqsma differenti ta' ġid komuni.


## ID-DAWL

Awwissu 2018 – Numru 8 – Pubblikazzjoni ta'

**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**



**Tel:** 27 342 401| **Mob:** 79 320 139

**Email:** amjmalta@gmail.com

**www.ahmadiyya.mt**



Aqra "**ID-DAWL**" onlajn fuq: **www.ahmadiyya.mt/id-dawl**

Il-Qoxra: VectorStock.com

# IT-TIFĦIR TA' ALLA

It-tifħir kollu Lilu li hu l-Etern,
Ħadd mhu daqsu, lanqas hemm xejn jixbah Lilu,

Hu jibqa' għal dejjem, il-bqija għal ftit żmien,
Li tħobb oħrajn barra Lilu hu prodott tal-immaġinazzjoni.

Hu waħdu hu x-xewqa ta' qalbi, ma naf lil ħadd aktar.
Qalbi tesklama: Qaddis hu Dak li jżommni fil-ħarsa tiegħu.

Hu jipprovdi għal kulħadd, il-Grazzja Tiegħu hi bid-dieher,
Fih biss jinsab is-serħan tagħna; Hu waħdu hu għażiż għalina.

Mingħajru ma nistgħux ngħixu, il-bqija kollox hu falz,
Imbierek ikun dan il-jum, Imqaddes huwa Dak li jżommni fil-ħarsa tiegħu.

(Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad, il-Messija Mwiegħed[as], Ruħani Kħaża'in, Vol.12, p.319)

## IL-KBURIJA

Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, qal:

**"Ma jidħolx il-Ġenna min f'qalbu għandu b'toqol ta' atomu kburija. Wieħed raġel qal: 'Ir-raġel iħobb li l-libsa tiegħu tkun sabiħa u ż-żarbun sabiħ.' Qallu l-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih: 'Alla huwa ġmiel, u jħobb il-ġmiel. Il-kburija hija ċ-ċaħda tal-verità, u li tistmerr lin-nies.'"**

(Muslim)

# ID-DOVERI TAGĦNA

Id-drittijiet u l-obbligi jmorru parallel ma' xulxin. Meta ngawdu d-drittijiet tagħna huwa importanti wkoll li nagħtu attenzjoni lid-doveri tagħna bħala ċittadini. L-Iżlam bħala reliġjon juri u jfassal triq 'il quddiem kif il-Musulmani għandhom jgħixu f'pajjiżhom, u jispjega fid-dettall id-doveri tagħhom bħala ċittadini.

L-ewwel nett, l-Iżlam jordna lill-Musulmani biex juru l-lealtà sħiħa lejn pajjiżhom u dawk li jgħixu fihom. Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, innifsu għallem li **'l-imħabba lejn pajjiżek hi parti mill-fidi.'** Għalhekk, fl-Iżlam il-patrijottiżmu sinċier hu meqjus bħala xi ħaġa neċessarja.

L-Iżlam jgħallem ukoll li kull ċittadin għandu juri rispett sħiħ lejn il-liġijiet tal-pajjiż u fl-ebda ċirkostanza m'għandu jieħu l-liġi b'idejh. Barra minn hekk, huwa dmir ta' kulħadd li jgħin u jaħdem għall-paċi u s-sigurtà tal-istess nazzjon. Id-dover tal-Musulmani huwa wkoll li jagħmlu paċi meta żewġ gruppi jew individwi jiġġieldu bejniethom. Għandhom jipprietkaw għat-tajjeb u ma jippermettux il-ħażin; għandhom jgħinu lil xulxin bit-tjieba u ma jgħinux lil xulxin fil-ħtija u l-aggressjoni.

L-Iżlam jobbliga lil kull raġel biex jaqla' ħobżu bix-xogħol, u mhux jgħix ħajja ta' għażż; u għandu jevita li jittallab għall-karità.

Dover ieħor importanti ta' ċittadin Musulman huwa dak li dejjem ixerred messaġġ ta' paċi u aħbar tajba ma' kullimkien; u għandu jsellem lil kulħadd bit-tislima: **'Il-paċi ta' Alla tkun fuqek',** biex b'hekk iwaqqaf il-pedamenti għal ħbiberija sinċiera.

Musulman huwa wkoll obbligat li jżur lil dawk minn ħbiebu u l-ġirien li jinzertaw morda, biex ifarraġhom u jferraħhom. F'relazzjonijiet soċjali għandhom jattendu għall-funeral tal-mejta u jgħinu fid-dfin, u juru l-kondoljanzi tagħhom lill-qraba.

L-indafa hija importanti ħafna, u l-Iżlam jenfasizza ħafna fuq l-indafa, għalhekk, il-Musulmani m'għandhomx jitfgħu l-iskart fit-toroq jew f'postijiet pubbliċi u dejjem għandhom iżommuhom indaf u ħielsa mill-ingombru jew il-periklu. Huma wkoll imwissija biex ma jagħmlu xejn li jista' jniġġes l-ilma użat mill-pubbliku. Ma jistgħux jużaw kliem inġurjuż, jew iwettqu atti li jistgħu joffendu jew idejqu 'l ħaddieħor, bħal joħorġu għarwenin jew azzjonijiet li jiddisturbaw il-paċi pubblika.

Musulman għandu jkollu simpatiji kbar u għandu jqis bħala d-dmir tiegħu li joffri l-għajnuna lil dawk minn ħutu li jkunu anqas ixxurtjati minnu b'ġenerożità. Għandu jsellef il-flus bla interessi lil dawk fil-bżonn. Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, qal:

> **"Kull min iserraħ lil xi bniedem li jemmen minn xi saram ta' din id-dinja, Alla jserrħu minn xi saram ta' Jum il-Qawmien. U min jgħin lil xi ħadd fil-bżonn, Alla jgħinu f'din id-dinja u fl-Oħra. U min jostor xi nuqqas tal-oħrajn, Alla jostru f'din id-dinja u fl-Oħra. Alla jgħin lill-qaddej li jgħin lil ħuh."**

> **"Kull min jemmen f'Alla u f'Jum il-Ħaqq, ma għandux iweġġa' lil ġaru, u għandu jagħti ġieħ u jkun ġeneruż mal-mistiedna tiegħu, u għandu jgħid biss dak li hu tajjeb, inkella jiskot."**

## L-INDAFA

Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, qal:

> **"L-indafa nofs it-twemmin."** (Muslim)

> **"It-tindif tas-snien inaddaf il-fomm, u jogħġob lill-Mulej."** (Nisaai)

# IL-ĦAĠĠ

Il-ħames att ta' qima Iżlamika huwa t-twettiq tal-Ħaġġ jew il-pellegrinaġġ lejn Mekka. Il-Musulmani jridu jagħmlu dan il-pellegrinaġġ mill-anqas darba f'ħajjithom dejjem jekk jippermettu l-kundizzjonijiet ekonomiċi u politiċi. Alla l-Omnipotenti jgħid fil-Koran Imqaddes:

> **"U l-pellegrinaġġ lejn id-Dar huwa obbligu tal-bnedmin — dawk li jistgħu jsibu mezz biex imorru — lejn Alla." (3:98)**

Il-punt prinċipali ta' dan il-pellegrinaġġ huwa l-Kaaba — l-ewwel Dar li nbniet għall-qima ta' Alla. Il-Koran Imqaddes isostni:

> **"Tassew, l-ewwel Dar imwaqqfa għall-bniedem hija dik ta' Bekka (il-wied ta' Mekka), mimlija benedizzjonijiet u gwida għall-popli kollha." (3:97)**



**Pellegrinaġġ għall-Kaaba, Mekka, fl-Arabja Sawdita.**
Il-Kaaba hi l-ewwel post imwaqqaf fid-dinja għall-qima ta' Alla. Dan il-post kien reġa' ġie mibni mill-Profeta Abraham[as], xi erbat elef sena ilu.

Il-Ħaġġ isir biss darba fis-sena matul ix-xahar Iżlamiku ta' *Żul-Ħiġġah* li jiġi xahrejn u għaxart ijiem wara ċ-ċelebrazzjoni ta' *Eid-ul-Fitr*, li tiġi fi tmiem ir-Ramażan. Jibda fit-tmien jum ta' *Żul-Ħiġġah* u jibqa' sejjer sat-tlettax-il jum.

Il-Ħaġġ jitwettaq billi wieħed jidħol fl-istat ta' *Iħraam*. Fil-mument li l-pellegrin ikun fl-istat ta' *Iħraam*, irid jinqata' mill-affarijiet tad-dinja. Il-pellegrin irid jevita l-argumenti, it-tilwim jew il-ġlied. **L-istat ta' *Iħraam* jirrikjedi li wieħed ikun liebes biss f'żewġ lożor bla ħjatat**. Il-Ħaġġ jew *Umrah* jista' jitwettaq biss fl-istat ta' *Iħraam*. In-nisa mhumiex obbligati li jkunu fl-istat ta' *Iħraam*.

Il-Koran Imqaddes jiddikjara:

> **"Ix-xhur tal-Ħaġġ huma magħrufa sew; għalhekk kull min jiddeċiedi li jagħmel il-Pellegrinaġġ f'dawn ix-xhur għandu jiftakar li m'għandux ikun hemm diskors diżgustanti, vjolazzjoni tal-moralità, jew ġlied tul il-Pellegrinaġġ. U kull ħaġa tajba li tagħmlu, Alla se jkun jaf biha. U sostnu lilkom infuskom bil-provvisti neċessarji, u bla dubju l-aqwa provvista hija l-onestà. U ibżgħu Minni biss, ja bnedmin intelliġenti."** (2:198)

## EID-UL-AŻĦA

**Eid-ul-Ażħa** hija festa importanti ħafna għall-Musulmani kollha. Hija magħrufa wkoll bħala **'il-festa tas-sagrifiċċju'**, u hija ċċelebrata fl-għaxar jum ta' *Żul-Ħiġġah*, l-aħħar xahar tal-kalendarju Musulman; il-jum li jimmarka t-tmiem taċ-ċerimonja tal-Ħaġġ jew il-pellegrinaġġ lejn il-Kaaba.

# SFOND STORIKU TAL-FESTA

Abraham[as] huwa meqjus bħala ħabib ta' Alla u għadd kbir ta' profeti ħarġu mill-wild tiegħu. Huwa magħruf ukoll bħala missier (il-Patrijarka) il-profeti. Biex wieħed jifhem is-sinifikat tas-sagrifiċċju tiegħu, wieħed irid jifli d-dettalji tal-avvenimenti li huma msemmija fil-Bibbja u fil-Koran. Huwa rrakkuntat li Abraham[as] ra f'viżjoni lilu nnifsu qed jissagrifika lill-iben waħdieni tiegħu Ishmael[as]. Meta kkonvinċa ruħu li Alla xtaq li huwa jissagrifika l-uniku tifel li kellu li ngħata lilu fi xjuħitu, fi pjan tal-Mulej, huwa ħassu ppreparat biex iwettaq is-sagrifiċċju. Huwa semma l-ħolma ma' ibnu Ishmael[as] u qallu:

> **'X'taħseb dwarha?' Ishmael wieġeb: 'Missier, agħmel dak li ordnalek biex tagħmel. Lili se ssibni, jekk Alla jrid, konvint bl-istess fehma.'**

Għalhekk Abraham[as] għamel it-tħejjijiet meħtieġa. Meta kollox kien lest u hu kien wasal biex iwettaq dak li ħaseb li kien ordnat biex jagħmel, huwa rċieva r-rivelazzjoni li huwa tassew onora l-parti tiegħu tal-ftehim u minflok ġie ordnat biex joqtol ħaruf.

It-tifsira vera tal-ħolma ma kinitx li huwa kellu jissagrifika lil ibnu bl-istess mod kif ra lilu nnifsu jagħmel fil-ħolma, iżda li kellu jħalli lil martu Ħagar[as] u lil ibnu Ishmael[as] f'wied mhux għammiel fil-bogħod biex jikseb il-grazzja ta' Alla s-Setgħani. Hemmhekk, Ishmael[as] intuża bħala strument bl-għan li tiġi stabbilita l-qima ġenwina lejn Alla, u dan kien il-post fejn kienet tinsab l-ewwel Dar ta' Alla, il-Kaaba sagra, għalkemm dak iż-żmien kienet fi stat ta' qerda. Dan is-sagrifiċċju kbir magħmul minn Abraham[as] huwa l-avveniment li jiġi ċċelebrat kull sena madwar id-dinja kollha, u dawk il-Musulmani li għandhom biex, joqtlu annimal biex ifakkru dak l-att ta' devozzjoni.

Għaldaqstant il-festa tas-sagrifiċċji tħeġġeġ lill-Musulmani kollha biex isegwu l-eżempji ta' Abraham[as], Ħagar[as] u Ishmael[as] u juru sottomissjoni sħiħa lejn il-kmandamenti ta' Alla.

as - *alaiħis-salam*, li tfisser 'jalla l-paċi tkun fuqu'.

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published
by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**